32005R1910

L 35/4 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 24.11.2005

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1910/2005

### tat-8 ta' Novembru 2005

### li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1725/2003 dwar l-addozzjoni ta' ċertu standards internazzjonali ta' kontabilità b'mod konformi mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward ta' Standard Internazzjonali dwar Rapportaġġ Finanzjarju 1, u 6, IAS 1, 16, 19, 24, 38, u 39, l-Interpretazzjonijiet tal-Kumitat dwar l-interpretazzjonijiet dwar Rapportaġġ Finanzjarju Internazzjonali 4 u 5

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-istandards internazzjonali tal-kontabilità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 (1) tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1725/2003 ([2]) ċertu standards internazzjonali u interpretazzjonijiet li kienu jeżistu fl-14 ta' Settembru 2002 kienu addottat, inkluż Standard Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 19 *Benefiċċji ta' l-Impjegati*.

(2) Fid-9 ta' Diċembru 2004, il-Bord ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IASB) ippubblika Standard Internazzjonali ta' Rapportaġġ Finanzjarju (IFRS) 6 *Esplorazzjoni għal u evalwazzjoni ta' riżorsi minerali*, minn hawn 'il quddiem "IRFS 6", bħala soluzzjoni proviżorja li tgħin l-entitajiet fis-settur ikunu konformi ma' l-IFRSs mingħajr il-bżonn ta' tibdiliet prinċipali għall-prattika tal-kontabilità. IFRS 6 jippermetti lil entitajiet eżenzjonijiet minnefqa li jkollhom fl-esplorazzjoni u l-evalwazjoni minn xi ħtiġijiet ta' IFRSs oħrajn. F'xi ċirkustanzi speċifiċi, t-tali entitajiet huma permessi li jkomplu t-trattament ta' kontabilità tagħhom eżistenti għall-esplorazzjoni u n-nefqa għall-evalwazzjoni. IFRS 6 jinkludi aktar gwida dwar l-indikaturi ta' ħsara għall-esplorazzjoni u l-valutazzjoni ta' l-assi u l-ittestjar ta' ħsara għat-tali assi.

(3) Fis-16 ta' Diċembru 2004, l-IASB ippubblika emenda għal IAS 19 *Benefiċċji ta' l-Impjegati*. Hu jintroduċi opzjoni oħra fir-rigward ta' rikonoxximent ta' qligħ u telf atwali għal pjanijiet definiti ta' benefiċċji tal-pensjonijiet. Issa hu jippermetti qligħ u telf attwali li għandu jkun rikonoxxut, b'mod sħiħ, fi stqarrija ta' dħul ta' rikonoxximent u nefqa barra l-istqarrija ta' dħul, jiġifieri, qligħ u telf attwali li jista' jkun rikonoxxut direttament f'ekwità. L-emenda tispeċifika wkoll kif entitajiet ta' gruppi għandhom jikkontjaw għal pjanijiet ta' gruppi ta' benefiċċji definiti fi stqarrijiet finanzjarji separati u jinħtieġ kxif addizzjonali.

(4) Fit-2 ta' Diċembru 2004 il-Kumitat Internazzjonali dwar ir-Rapportaġġ u Interpretazzjonijiet Finanzjarji (IFRIC) ippubblika IFRIC Interpretazzjoni 4 *Li jiddetermina jekk arranġament għandux kirja*, minn hawn 'il quddiem "IFRIC 4". IFIC 4 jistabbilixxi kriterji għad-determinazzjoni jekk arranġament hux, jew ikollux, kirja, per eżempju xi kuntratti ta' ħu u ħallas. L-IFRIC 4 jikkjarifika taħt liema ċirkustanzi dawn l-arranġamenti li ma jiħdux il-forma legali ta' kirja għandhom, madankollu, jitqiesu b'mod konformi ma' l-IAS 17 *Kirjiet*.

(5) Fis-16 ta' Diċembru 2004 Il-Kumitat Internazzjonali dwar ir-Rapportaġġ u Interpretazzjonijiet Finanzjarju (IFRIC) ippubblika IFRIC Interpretazzjoni 5 *Drittjiet għall-interessi li jirriżultaw mid-dekommissjoni, restawrazzjoni u fondi ta' l-ambjent minn hawn 'il quddiem "IFRIC 5"*. *IFRIC* 5jistabbilixxi kif kontributur għandu jakkontja għall-interess fil-fond u kif kontributur għandu jagħti kont għall-kontribuzzjonijiet addizzjonali.

(6) Il-konsultazzjoni ma' l-esperti tekniċi fil-qasam tikkonferma li l-IFRS 6, IAS 19, u l-IFRIC 4 u 5 jilħqu l-kriterji tekniċi għall-adozzjoni mniżżla fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

(7) Il-Kummissjoni kkonkludiet Il-konsultazzjoni ma' esperti tekniċi fil-qasam ikkonferma li IFRS 6, IAS 19, u IFRIC 4 u 5 jilħqu l-kriterji teknika stabbiliti fl-Artikolu 3 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002. L-addozzjoni ta' IFRS 6, IAS 19, IFRIC 4 u 5 ljimplikaw, permezz ta' konsegwenza, emendi għall-IFRS 1 *Addozzjoni għall-ewwel darba ta' Standards Internazzjonali għar-Rapportaġġ Finanzjarju*, IAS 1 *Preżentazzjoni ta' Rendikonti Finanzjarji*, IAS 16 *Proprjetà, Impjant u Tagħmir*, IAS 24 *Kxif li għandu x'jaqsam mal-Partijiet*, IAS 38 *Assi intanġibbli* and IAS 39 *Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u kejl* biex tassigura konsistenza bejn l-istandards internazzjonali ta' kontabilità.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1725/2003 għandu għalhekk jiġi emendat kif meħtieġ.

(9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Regolatorju tal-Kontabilità,

([1]) ĠU L 243, 11.9.2002, p.1

([2]) ĠU L 261, 13.10.2003, p.1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Reglament (KE) Nru 1751/2005 ĠU L 282, 25.10.2005, p. 3).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness mar-Regolament (KE) Nru 1725/2003 hu emendat kif gej:

(1) Standard Internazzjonali dwar Rapportaġġ Finanzjarju IFRS 6 *Esplorazzjoni għal u evalwazzjoni ta' riżorsi minerali* huma mdaħħla kif stabbiliti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) IAS 19 *Benefiċċji għall-impjegati* huma emendat b'mod konformi ma' Emenda għal IAS kif stabbiliti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

(3) L-Interpretazzjonijiet tal-Kumitat dwar l-Interpretazzjonijiet dwar Rapportaġġ Finanzjarju Internazzjonali l-IFRIC Interpretazzjoni 4 *Determinazzjoni jekk arranġament ikollux kirja* huma mdaħħla kif stabbiliti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(4) IFRIC Interpretazzjoni 5 *Drittijiet għall-interessi li jirriżultaw mid-dekommissjoni, restawrazzjoni u fondi ambjentali* huma mdaħħla kif stabbiliti fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(5) L-Istandard dwar Rapportaġġ Finanzjarju Internazzjonali (IFRS) 1, IAS 16 u IAS 38 huma emendati b'mod konformi ma' l-Appendiċi B ta' l-IFRS 6 kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

(6) IFRS 1, IAS 1 u IAS 24 huma emendati b'mod konformi ma' l-Appendiċi F ta' l-Emenda għal IAS 19 kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

(7) IFRS 1 hu emendat b'mod konformi ma' l-Appendiċi ta' l-IFRIC 4 kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

(8) IAS 39 hu emendat b'mod konformi ma' l-Appendiċi ta' l-IFRIC 5 kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Kull kumpanija għandha tapplika l-istandards u l-interpretazzjonijet stabbiliti fl-Anness mid-data tal-bidu tas-sena finanzjarja tagħha 2006.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar it-8 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Charlie McCREEVY
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

STANDARDS TA' RAPPORTAĠĠ FINANZJARJU INTERNAZZJONALI

| | |
|---|---|
| IFRS 6 | Standards ta' Raportaġġ Internazzjonali Finanzjarju (IFRS) 6 *Esplorazzjoni għal u valutazzjoni ta' riżorsi minerali* |
| IAS 19 | Emenda għal IAS 19 *Benefiċċji ta' l-impjegati* |
| IFRIC 4 | IFRIC Interpretazzjoni 4 *Determinazzjoni jekk arranġament ikollux kirja* |
| IFRIC 5 | IFRIC Interpretazzjoni 5 *Drittijiet għall-interessi li jirriżultaw mid-dekommuissjoni, restawrazzjoni u fondi ambjentali* |

**"Riproduzzjoni permessa fiż-Żona Ekonomika Ewropea. Id-drittijiet kollha huma riservati barra iż-ŻEE, ħlief bl-eċċezzjoni għar-riproduzzjoni għal skopijiet ta' użu personali jew mezz ta' kummerċ ieħor ġust. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb minn IASB f' www.iasb.org.uk"**